



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 30 ta' Mejju 2012
(OR. en)**

10502/12

**Fajl Interistituzzjonali:
2012/0115 (NLE)**

**EEE 61
ENV 410**

PROPOSTA

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	25 ta' Mejju 2012
Nru dok. Cion:	COM(2012) 232 final
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XX (Ambjent) ta' mal-Ftehim ŻEE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: COM(2012) 232 final



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 25.5.2012
COM(2012) 232 final

2012/0115 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-
ŻEE
dwar emenda għall-Anness XX (Ambjent) ta' mal-Ftehim ŻEE**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-omoġeneità li huma meħtieġa fis-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġislazzjoni kollha rilevanti tal-Unjoni fil-Ftehim taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tagħha.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Ftehim Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta) għandu l-għan li jemenda l-Anness XX tal-Ftehim ŻEE.

B'mod aktar konkret, din l-emenda għandha l-għan li tinkorpora ċerti regolamenti tal-Kummissjoni li jimplimentaw id-Direttiva 2007/2/KE li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE).

Id-Direttiva 2007/2/KE ġiet inkorporata fil-Ftehim permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (JCD) Nru 55/2010 tat-30 ta' April 2010¹. Id-Deċiżjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2011.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/442/KE li timplimenta d-Direttiva 2007/2/KE f'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ u mar-rappurtar u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1205/2008 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE fir-rigward tal-metadejta ġew inkorporati fil-Ftehim mill-JCD taż-ŻEE Nru 124/2010 tal-10 ta' Novembru 2010². Din id-Deċiżjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2011 ukoll.

Il-JCD Nru 55/2010 fiha addattamenti fir-rigward ta' ċerti limiti ta' żmien stabbiliti skont id-Direttiva 2007/2/KE. L-adattamenti jindikaw li daww il-limiti ta' żmien se jidmumu mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-JCD li tinkorpora r-regoli ta' implimentazzjoni korrispondenti (JCD Nru 124/2010) jew mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-JCD Nru 55/2010.

L-Istati tal-EFTA spjegaw li jekk jinżamm it-test ta' adattament previst fil-JCD taż-ŻEE Nru 55/2010 u jkun previst test simili fir-rigward tal-atti l-ġodda tal-UE li jiġu inkorporati, l-azzjonijiet li jiġu mwettqa mill-Istati tal-EFTA ma jibqgħux fl-istess ordni kronoloġiku u loġiku bħal daww mill-Istati Membri tal-UE.

Sabiex jirrimedjaw din is-sitwazzjoni, l-Istati tal-EFTA jaħsbu li jkun hemm bżonn li jirreferu għad-dati u l-limiti ta' żmien kollha stipulati fl-atti rilevanti tal-UE minflok id-data tad-dħul fis-seħħ tal-JCDs taż-ŻEE. Barra minn hekk, sabiex jitqies il-fatt li l-JCD Nru 55/2010 ġiet adottata tliet snin wara d-Direttiva nnifisha, l-Istati tal-EFTA jaħsbu li huwa xieraq li jiżdied perjodu addizzjonali ta' tliet snin mad-dati u l-limiti ta' żmien relatati kollha stipulati fl-atti rilevanti tal-UE.

¹ ĠU L 181, 15.7.2010, p. 23.

² ĠU L 58, 3.3.2011, p. 82.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ŻEE jipprovdi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni għal tali Deċiżjonijiet, wara li ssir proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tissottometti l-Abbozz tad-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE lill-Kunsill biex dan jadottah bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun fil-qagħda li tippreżentah fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE kemm jista' jkun malajr.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-
ŻEE
dwar emenda għall-Anness XX (Ambjent) ta' mal-Ftehim ŻEE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b' mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2009 tad-19 ta' Ottubru 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-servizzi ta' Netwerk² jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 268/2010 tad-29 ta' Marzu 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess għal settijiet u servizzi ta' dejta ġeografika tal-Istati Membri mill-istituzzjonijiet u l-entitajiet Komunitarji skont kundizzjonijiet armonizzati³ jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1088/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 976/2009 fir-rigward ta' servizzi ta' tniżżil u servizzi ta' trasformazzjoni⁴ jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew⁵ jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

² ĠU L 274, 20.10.2009, p. 9.

³ ĠU L 83, 30.3.2010, p. 8.

⁴ ĠU L 323, 8.12.2010, p. 1.

⁵ ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11.

- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 102/2011 tal-4 ta' Frar 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1089/2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabilità ta' settijiet ta' dejta u servizzi spazjali⁶ jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness XX (Ambjent) ta' mal-Ftehim ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE li hu meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

⁶ ĠU L 31, 5.2.2011, p. 13.

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru

ta '

li temenda l-Anness XX (Ambjent) ta' mal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XX ta' mal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta'....¹
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2009 tad-19 ta' Ottubru 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-servizzi ta' Netwerk² jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 268/2010 tad-29 ta' Marzu 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess għal settijiet u servizzi ta' dejta ġeografika tal-Istati Membri mill-istituzzjonijiet u l-entitajiet Komunitarji skont kundizzjonijiet armonizzati³ jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1088/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 976/2009 fir-rigward ta' servizzi ta' tniżżil u servizzi ta' trasformazzjoni⁴ jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew⁵ jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 102/2011 tal-4 ta' Frar 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1089/2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabilità ta' settijiet ta' dejta u servizzi spazjali⁶ jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L ...
² ĠU L 274, 20.10.2009, p. 9.
³ ĠU L 83, 30.3.2010, p. 8.
⁴ ĠU L 323, 8.12.2010, p. 1.
⁵ ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11.
⁶ ĠU L 31, 5.2.2011, p. 13.

Artikolu 1

L-Anness XX ta' mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-adattamenti (a) u (b) tal-punt 1j (id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) jinbidlu b'dan li ġej:

“(a) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 6(a), 6(b) u 7(3) jinftiehm li jinkludu perjodu addizzjonali ta' tliet snin.

(b) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, id-dati msemija fl-Artikoli 21(2), 21(3) u 24(1) jinftiehm li jinkludu perjodu addizzjonali ta' tliet snin.”

2. L-adattament li ġej għandu jiżdied mal-punt 1jb (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/442/KE):

“Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li jmiss:

(a) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, is-sena msemija fl-Artikolu 11(2), it-tieni subparagrafu, tkun l-istess bħas-sena msemija fl-Artikolu 18, kif adattat għall-Istati tal-EFTA.

(b) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, id-data msemija fl-Artikolu 18 tinftiehem li tinkludi perjodu addizzjonali ta' tliet snin.”

3. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 1jb (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/442/KE):

“1jc. **32009 R 0976:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2009 tad-19 ta' Ottubru 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-Servizzi ta' Netwerk (ĠU L 274, 20.10.2009, p. 9), kif emendat bi:

– 32010 R 1088: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1088/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 (ĠU L 323, 8.12.2010, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jinqraw bl-adattament li ġej:

Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, id-dati msemija fl-Artikolu 4 jinftiehm li jinkludu perjodu addizzjonali ta' tliet snin.

1jd. **32010 R 0268:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 268/2010 tad-29 ta' Marzu 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess għal settijiet u servizzi ta' dejta ġeografika tal-Istati Membri mill-istituzzjonijiet u l-entitajiet Komunitarji skont kundizzjonijiet armonizzati (ĠU L 83, 30.3.2010, p. 8).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jinqraw bl-adattament li ġej:

Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 8 jinftehm u li jinkludu perjodu addizzjonali ta' tliet snin.

1) 32010 R 1089: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabbiltà tas-settijiet tad-dejta u servizzi ġeografiċi (ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11), kif emendat bi:

– 32011 R 0102: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 102/2011 tal-4 ta' Frar 2011 (ĠU L 31, 5.2.2011, p. 13).”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2009, (UE) Nru 268/2010, (UE) Nru 1088/2010, (UE) Nru 1089/2010 u (UE) Nru 102/2011 fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil- , sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim isiru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, .

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

* [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]